# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz. numru: 421/99 M1 NA**

**Joanne Tonna**

**vs**

**Douglas Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-18 ta' Frar 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-13 ta' Frar 1994 (vide Certifikat taz-Zwieg markat Dokument "A");

Illi meta zzewgu, il-konvenut kien ghad ghandu biss tmintax-il sena filwaqt li l-attrici kienet erba' snin ikbar minnu, u l-attrici kien diga' kellha tarbija, bl-isem ta' Roxanne, illi taghha l-

konvenut kien il-missier, u kienet ukoll tqila b'tarbija ohra, liema tarbija llum ghandha erba' snin u jisimha Kirsty;

Illi meta l-partijiet izzewgu l-attrici kienet telqet mid-dar t'ommha peress illi din kienet qaltilha li ma kenitx se zzommha b'zewgt itrabi, u fil-fatt marret tghix mal-genituri tal-konvenut;

Illi l-partijiet qatt ma ghamlu ebda preparazzjoni bis-serjeta' ghaz-zwieg u fil-fatt il-konvenut ma kienx jahdem, kellu (u ghad ghandu) problemi mal-gustizzja, u ma kellhom assolutament xejn taghhom u xejn preparat;

Illi l-partijiet izzewgu unikament minhabba fic-cirkostanzi li kienu jinsabu fihom u qatt ma kien hemm ebda intenzjoni b'sahhitha li z-zwieg taghhom jirnexxi, tant illi l-partijiet izzewgu biss bic-civil u l-attrici baqghet izzomm kunjomha xebba;

Illi ftit qabel izzewget l-attrici riedet titronka r-relazzjoni taghha mal-konvenut, kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, izda l-attrici m'ghamlitx dan unikament minhabba fic-cirkostanzi li kienet tinsab fihom;

Ukoll illi l-konvenut heba bosta affarijiet ta' importanza mill-konoxxenza ta' l-attrici, affarijiet illi imbaghad emergew fil-perjodu qasir taz-zwieg qabel is-separazzjoni;

Illi ghaldaqstant il-kunsens ta' l-attrici kien ivvizzjat;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat ukoll b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghaldaqstant iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet huwa null u bla ebda effett fil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (a) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

TALBET li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat mill-kontendenti fit-13 ta' Frar 1994 huwa null u bla ebda effett fil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (a) u/jew (c) u/jew (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;  u

2. taghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut tal-31 ta' Awissu 1999 fejn eccepixxa:

1. "Illi l-konvenut jaqbel li din l-Onorabbli Qorti tordna l-annullament taz-zwieg bejn il-kontendenti ghall-istess ragunijiet li semmiet l-attrici fis-sottomissjonijiet taghha."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 1999 fil-presenza tal-partijiet il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottoressa Yana Micallef Stafrace biex tigbor il-provi u tirrelata.  Ghal xi zmien il-process ma kienx a disposizzjoni tal-Qorti (ara verbal tal-1 ta' Gunju 2000).  Huwa pero' gie rintraccjat u r-rapport gie mahluf fis-seduta tal-21 ta' Frar 2001 fejn l-Avukati rispettivi t-tnejn irrimettew rwiehhom ghar-rapport peritali w il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali kkunsidrat il-provi mressqa f'din il-kawza li kienu jikkonsistu principalment minn zewg affidavits ipprezentati mill-attrici b'nota tal-25 ta' Jannar 2000 u affidavit tal-konvenut ipprezentat b'nota tat-2 ta' Gunju 2000 u zewg seduti quddiem il-Perit Legali fejn xehdu l-partijiet in kontro-ezami. Minn ezami ta' dawn il-provi kkonkludiet illi dan iz-zwieg kellu jigi ddikjarat null a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u dan, peress illi, fil-fehma taghha "*Dan hu kaz lampanti ta' nuqqas ta' maturita' kemm minn naha ta' l-attrici, kif ukoll minn naha tal-konvenut. It-tnejn jidhlu ghar-responsabbilitajiet bla ebda hsieb u imbaghad meta jigu rrinfaccjati bil-konsegwenzi ta' ghemilhom hafna tahwid u decizzjonijiet li jittiehdu bla ebda hsieb. Dan sehh kemm meta l-attrici kellha zewgt itfal f'qasir zmien bla ma kienu bl-ebda mod ippjanati kemm ukoll meta l-partijiet izzewgu millum ghal ghadha. Kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg lampanti da parti tat-tnejn. Zwieg ma jsehhx f'mument ta' paniku u biss minhabba tqala (f'dan il-kaz tnejn) mhux ippjanat. Fil-fatt iz-zwieg sfaxxa prattikament meta sehh.*"

Ikkunsidrat:-

l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> "*Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha...*"

Minn ezami tal-provi l-Qorti ma tantx jidhrilha illi tista' jew li ghandha x'izzid ma' dak li qalet il-Perit Legali. Jirrizulta infatti illi l-partijiet izzewgu ghar-ragunijiet minnha ezaminati w imsemmija u mhux ghax verament riedu jidhlu f'dik l-unjoni permanenti ta' imhabba u rispett li fis-socjeta' civili taghna tikkostitwixxi z-zwieg. Din il-konsiderazzjoni principali mehuda wkoll mal-konsiderazzjoni l-ohra, minkejja li f'kawza ta' din in-natura konsiderazzjoni sekondarja, li l-partijiet, tramite d-difensuri taghhom, irrimettew irwiehhom ghar-rapport peritali jwasslu lill-Qorti biex tadotta l-istess rapport fl-intier tieghu u tiddeciedi din il-kawza billi tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat mill-kontendenti fit-13 ta' Frar 1994 huwa null u

bla effett fil-ligi ai terminu ta' l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ovvjament peress illi t-tort jidher illi huwa ugwalment taz-zewg partijiet l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom ikunu ssopportati nofs bin-nofs bejniethom.

Deputat Registratur

rf.